# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, it-Tnejn, 23 ta’ April, 2001**

**Citaz.  numru:  548/00 M2 NA**

**Mary Grace Borg f’isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Charlotte, Josef u Wayne**

**vs**

**George Borg**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-21 ta' Marzu 2000 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tordna lil zewgha l-konvenut jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u b'hekk tawtorizza lir-rikorrenti flimkien ma' uliedha minuri Josef u Wayne tghix fl-istess dar ad esluzjoni ta' zewgha George Borg.

Fir-rikors promotur spjegat kif is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha tat-8 ta' Novembru 1998, minkejja illi kienet innominat lill-Avukat Dr. Joseph Azzopardi biex jirrelata dwar id-dar konjugali kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' talba simili maghmula quddiemha u kienet stiednet lill-kontendenti biex iressqu l-pretensjonijiet taghhom quddiem din il-Qorti.

Mar-rikors, apparti mid-digriet tas-Sekond'Awla, l-attrici esebit ukoll kopja tar-relazzjoni ta' l-istess Dr. Joseph Azzopardi tas-27 ta' Ottubru 1999.

Fir-risposta tieghu tal-10 ta' April 2000 il-konvenut talab lill-Qorti tichad it-talba attrici u dan ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Il-Qorti semghet ir-rikors fis-16 ta' Ottubru 2000 fejn xehdet estensivament l-attrici. Ir-rikors kien gie differiet ghall-24 ta' Novembru 2000 fejn ma sar xejn, kif ma sar xejn fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2001. Invece fis-seduta tat-12 ta' Frar 2001 xehed l-intimat, ir-rikors gie trattat u differiet ghad-digriet kamerali, li sejjer jinghata biss illum u dana principalment ghax l-ordni tal-Qorti moghtija diversi drabi biex jigu allegati l-

atti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili giet biss esegwita fl-1 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti ezaminat l-atti kollha ta' dan ir-rikors u tax-xhieda moghtija fis-Sekond'Awla quddiem il-Perit Legali. Ezaminat partikolarment ix-xhieda moghtija mill-partijiet u l-pjanta relattiva ghall-fond in kwistjoni li giet esebita mill-konvenut. (Dokument "DC12").

Minn dawn il-provi ma jidhirx illi l-fatti saljenti huma, jew jistghu jkunu, ikkontestati. L-intimat issegrega zewgt ikmamar mid-dar matrimonjali li qed jabita fihom flimkien mat-tifla minuri u go garage, proprieta' wkoll li hija parti mid-dar matrimonjali. L-attrici invece ghandha a disposizzjoni taghha zewg kmamar tas-sodda, salott, kcina u kamra tal-banju (ara x-xhieda taghha stess a fol. 18 tal-process) ghall-uzu taghha u taz-zewgt itfal minuri l-ohra tal-koppja Josef u Wayne. Il-koppja ma ghandhiex proprieta' ohra bhal per ezempju villegjatura, u mhuwiex allegat illi l-intimat jew it-tifla ghandhom xi post iehor fejn jistghu jabitaw (hlief ghall-allegazzjoni li t-tifla gieli torqod mal-*boyfriend* - sitwazzjoni ta' fatt, anke jekk verosimili, li l-Qorti trid tiskoraggixxi u mhux tinkoraggixxi). Lanqas ma huwa serjament ikkontestat illi l-

konvenut ma jahdimx minkejja illi dan il-meritu ma giex approfondit f'dan ir-rikors.  Ghall-kuntrarju huwa jallega li in vista li huwa marid ma jistax, f'dan l-istadju, imur jahdem u ghalhekk huwa ferm difficli ghalih isib fejn jikri band'ohra.

Ikkunsidrat:

Illi hlief ghall-fatt illi l-konvenut ha l-ligi f'idejh u din il-Qorti m'hijiex sejra tesprimi opinjoni dwar l-eventwalita' ta' proceduri go forum iehor li jistghu jew qeghdin jittiehdu kontra tieghu f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tara xejn irragonevoli jew sproporzjonat fl-agir tal-konvenut f'dak li ghamel hlief li, jigi ripetut, qabad u ghamlu minghajr ebda awtorita'.

F'talbiet simili f'kawzi ohra kif irriteniet din il-Qorti l-interess li jrid jigi salvagwardjat huwa mhux biss dak tal-minuri, minkejja illi l-interess tat-tali jibqa' dejjem suprem, izda wkoll tal-partijiet kollha nvoluti, partikolarment ta' dik il-parti illi tkun sejra tkun tigi zgumbrata mid-dar konjugali u b'daqstant tkun sejra ssib ruhha minghajr saqaf fuq rasha ("Grech vs Grech" - l-1 ta' Frar, 1999):

> "*Fil-kaz ta' dan il-provvediment, nonostante l-interess tal-minuri, hemm ukoll l-interess tal-partijiet partikolarment ta' dik il-parti li tkun sejra tigi ordnata tallontana ruhha mid-dar matrimonjali*".

F'dan il-kaz pero' hemm ukoll l-interess tal-minuri li qed tabita mal-missier u dana apparti mill-konsiderazzjonijiet il-ghala dina qed tghix mal-missier liema ragunijiet ghandhom jigu investigati fil-kawza proprja jew almenu f'rikors appozitu dwar il-kura u kustodja taghha pero' mhux f'rikors dwar din il-materja *pendete lite*. Konsiderat dik il-parti li effettivament qieghdha fil-pussess tal-partijiet rispettivi l-Qorti thoss illi, stante illi din il-koppja ma tistax tghix aktar flimkien, l-ahjar interess ta' kulhadd huwa li l-*istatus quo* jigi kkonfermat partikolarment meta jidher illi d-dar in kwistjoni, fil-prattika, hija komunament divizibbli bil-mod kif giet diviza mill-istess konvenut. Jinghad illi din kienet ukoll l-opinjoni prevalenti tal-Perit Legali Dr. Joseph Azzopardi "*L-esponent ma jistax ighid jekk id-dar konjugali hijiex bizzejjed spazjuza biex jikkonsilja li l-Qorti tissancixxi dak li wettaq l-intimat. Jekk hu jekk, avolja hu agixxa bi ksur tal-ligi, din tidher li tkun l-ahjar soluzzjoni. Pero' l-esponent jidhirlu li anke jekk hu fatt lir -rikorrenti ghandha bzonn ikbar tad-dar, mhux gust li jigi eskluz ghal*

*kollox l-intimat*".  U aktar tard fil-konkluzzjoni tieghu:  "*Jinghad mill-ewwel li din mhijiex xi soluzzjoni mixtieqa izda l-unika wahda li fic-cirkostanzi wiehed jista' jiehu*".  Ma' din il-Qorti ftit li xejn ghandha x'tista' zzid.

It-talba attrici hija ghalhekk michuda, bl-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.